

Brussell, 30 ta' Novembru 2022
(OR. en)

10033/1/22
REV 1

AG 63
INST 223

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa - Proposti u miżuri speċifiċi relatati li jinsabu fir-rapport dwar l-eżitu finali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa: Valutazzjoni teknika preliminari aġġornata

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża nota, u Addendum għaliha, li tagħti valutazzjoni teknika preliminari aġġornata tal-proposti u l-miżuri speċifiċi relatati li jinsabu fir-rapport dwar l-eżitu finali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa¹. L-ewwel valutazzjoni preliminari, li nħarġet f'Ġunju 2022², ġiet aġġornata mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill f'Novembru 2022 sabiex tirrifletti l-azzjonijiet ta' politika li ttieħdu mill-istituzzjonijiet tal-UE sa mid-9 ta' Mejju 2022³, id-data tal-għeluq tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa.

¹ Dok. 8933/22

² Dokument 10033/22

³ Ara b'mod partikolari l-punti 17-27 hawn taħt.

Proposti u miżuri speċifiċi relatati li jinsabu fir-rapport dwar
l-eżitu finali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa:
Valutazzjoni teknika preliminari aġġornata

Introduzzjoni

1. Fid-9 ta' Mejju 2022, ir-rapport dwar l-eżitu finali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa ġie ppreżentat lill-Presidenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tal-Kummissjoni Ewropea, kif previst fid-Dikjarazzjoni Konġunta ffirmata f'Marzu 2021⁴. Bħala parti mid-Dikjarazzjoni Konġunta, it-tliet Presidenti qablu li jeżaminaw malajr kif jagħtu segwitu effettiv għal dan ir-rapport, kull wieħed fl-isfera ta' kompetenzi tiegħu u f'konformità mat-Trattati.
2. Ir-rapport dwar l-eżitu finali tal-Konferenza fih 49 proposta u aktar minn 320 miżura speċifika relatata, imressqa mill-Plenarja tal-Konferenza lill-Bord Eżekuttiv tal-Konferenza. Dawn ikopru disa' suġġetti: "Tibdil fil-klima u ambjent"; "Saħħa"; "Ekonomija aktar b'saħħitha, ġustizzja soċjali u impjiegi"; "L-UE fid-dinja"; "Valuri u drittijiet, stat tad-dritt, sigurtà"; "Trasformazzjoni diġitali"; "Demokrazija Ewropea"; "Migrazzjoni"; u "Edukazzjoni, kultura, żgħażaġh u sport".
3. Il-proposti u l-miżuri speċifiċi relatati tagħhom huma prinċipalment ibbażati fuq ir-rakkomandazzjonijiet magħmula miċ-ċittadini bħala parti mill-Panels taċ-Ċittadini Ewropej u Nazżjonali organizzati fil-qafas tal-Konferenza. Huma msejsa wkoll fuq l-ideat kondiviżi fuq il-Pjattaforma Diġitali Multilingwi tal-Konferenza, u fuq id-dibattiti li saru fil-Plenarja tal-Konferenza, inkluż fil-Gruppi ta' Ħidma tagħha. Il-miżuri speċifiċi relatati mal-proposti jinkludu referenza għall-bażi/l-oriġini tagħhom, permezz ta' indikazzjonijiet f'parentesi jew permezz ta' nota f'qiegħ il-paġna.

⁴ Dokument 6796/21

4. Fl-aħħar Plenarja tal-Konferenza, ir-rappreżentanti tal-komponent tal-Kunsill tal-Plenarja tal-Konferenza ma kkummentawx dwar is-sustanza tal-proposti iżda minflok appoġġaw u ħeġġew l-attivitajiet taċ-ċittadini u ħadu nota tar-rakkomandazzjonijiet tagħhom. Il-Kunsill esprima r-rieda tiegħu li jiddetermina, wara d-9 ta' Mejju 2022, kif jagħti segwitu għar-riżultati tal-Konferenza, fl-isfera ta' kompetenzi tiegħu u f'konformità mat-Trattati.

5. It-tabella fl-Addendum 1 tipprovdi **valutazzjoni teknika preliminari aġġornata tal-proposti u tal-miżuri speċifiċi relatati li jinsabu fir-rapport dwar l-eżitu finali tal-Konferenza**, biex jitqiesu l-iżviluppi fl-implimentazzjoni tal-proposti tal-Konferenza u l-miżuri speċifiċi relatati sa Novembru 2022. It-tabella fiha tliet kolonni, li rispettivament: (i) jelenkaw il-proposti kollha u l-miżuri speċifiċi kollha relatati ma' dawn, (ii) jiddeskrivu sa liema punt l-Istituzzjonijiet tal-UE diġà qed jaħdmu fuq il-miżuri msemmijin (jiġifieri, x'qed isir?), u (iii) jispedjgaw kif il-miżuri msemmijin jistgħu jiġu implimentati, jekk dan hu possibbli, u fuq liema bażi legali (jiġifieri valutazzjoni tal-fattibbiltà). Meta miżura tkun teħtieġ bidliet fit-Trattati sabiex tiġi implimentata, dan huwa indikat bil-griż fit-tielet kolonna (iii). Meta parti biss minn miżura tkun teħtieġ bidliet fit-Trattati, il-parti rilevanti tkun indikata bil-griż ukoll fl-ewwel kolonna (i). Fl-aħħar nett, ta' min jinnota li xi wħud mill-miżuri huma fformulati f'termini ġenerali, li jagħmlu l-valutazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-bażi legali possibbli fit-Trattati attwali, diffiċli.

Ħarsa ġenerali lejn il-valutazzjoni teknika preliminari aġġornata

A. Proposti u miżuri speċifiċi relatati indirizzati minn inizzjattivi eżistenti u li għaddejjin tal-UE

6. Waħda mis-sejbiet ewlenin ta' din il-valutazzjoni preliminari aġġornata hija li **għadd sinifikanti ta' proposti u miżuri relatati qegħdin fil-proċess li jiġu indirizzati jew diġà ġew indirizzati mill-istituzzjonijiet tal-UE**. Id-dettalji ta' dawn is-sejbiet jidhru fit-tieni kolonna tat-tabella fl-Addendum 1 ("x'qed isir?").

Dan huwa speċjalment il-każ għal dawk is-suġġetti tal-Konferenza relatati ma' oqsma ta' politika fejn ġiet adottata leġiżlazzjoni tal-UE jew qed tiġi diskussa mill-koleġiżlaturi, u tidher li tikkorrispondi għall-proposti u l-miżuri relatati, (jew parti minnhom). It-"Trasformazzjoni diġitali", it-"Tibdil fil-klima u l-ambjent" kif ukoll is-"Saħħa" huma eżempji tajbin ta' dan.

7. Dwar is-suġġett tat-"Trasformazzjoni diġitali", li kienet prijorità ewlenija tal-UE f'dawn l-aħħar snin, l-Att dwar is-Servizzi Diġitali, l-Att dwar is-Swieq Diġitali, l-Att dwar l-IA, ir-Regolament dwar il-FNE2, ir-Regolament dwar l-eID, id-Direttiva NIS 2⁵ kif ukoll l-inizjattivi li jinsabu fl-Istrateġija Ewropea għad-Data jantiċipaw ħafna proposti u miżuri speċifiċi relatati.

Bl-istess mod, dwar is-suġġett tat-"Tibdil fil-klima u l-ambjent", il-PAK 2023-27 kif ukoll l-inizjattivi li jwettqu l-Patt Ekoloġiku Ewropew, bħal pereżempju r-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni relatata mal-klima, l-enerġija u t-trasport taħt il-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %", ikopru ħafna kwistjonijiet inklużi fil-miżuri speċifiċi.

Fir-rigward tas-"Saħħa", għadd ta' inizjattivi tal-UE eżistenti u li għaddejjin bħalissa li għandhom l-għan li jħarsu aħjar is-saħħa taċ-ċittadini u li jwieġbu aħjar għall-kriżijiet tas-saħħa jindirizzaw ukoll it-talbiet espressi f'għadd għmielu mill-miżuri proposti.

8. Barra minn hekk, jidher li xi inizjattivi trażversali reċenti tal-UE jkopru għadd ta' proposti u miżuri relatati li jikkonċernaw diversi suġġetti. Dan huwa pereżempju l-każ tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza fir-rigward tal-proposti dwar is-suġġetti ta' "Ekonomija aktar b'saħħitha", "Valuri u drittijiet, stat tad-dritt, sigurtà" kif ukoll "Edukazzjoni, kultura, żgħażaġh u sport" li jittrattaw l-investment pubbliku u l-kwalità tal-ħajja.

B. Proposti u miżuri speċifiċi relatati li jistgħu jiġu indirizzati aktar mill-Istituzzjonijiet tal-UE

9. Il-valutazzjoni teknika preliminari tenfasizza wkoll li **fejn il-proposti u l-miżuri speċifiċi relatati jistgħu jiġu indirizzati aktar mill-Istituzzjonijiet tal-UE, dan jista' jsir, għal maġġoranza kbira tal-każijiet, fi ħdan il-qafas attwali tat-Trattati**. Id-dettalji tas-sejbiet jidhru fl-aħħar kolonna tat-tabella fl-Addendum 1 ("kif tista' tiġi implimentata l-proposta/miżura?").

⁵ Att dwar is-Servizzi Digitali; Att dwar is-Swieq Digitali; Regolament dwar l-Intelliġenza Artificjali (IA); Regolament dwar il-Facilità Nikkollegaw l-Ewropa 2 (FNE2); Regolament dwar l-identifikazzjoni elettronika, l-awtentikazzjoni u s-servizzi fiduċjarji (eID); Direttiva dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Infommazzjoni 2 (NIS 2).

10. L-ewwel nett, ħafna proposti u miżuri relatati jistgħu jiġu implimentati billi jiġi emendat il-qafas leġislativ eżistenti tal-UE bil-ħsieb li jissaħħu wħud mid-dispożizzjonijiet tiegħu. Dan huwa pereżempju l-każ ta' miżuri speċifiċi li jolqtu l-kwistjonijiet tal-protezzjoni tad-data u t-trattament xieraq tal-annimali.

11. It-tieni nett, għal proposti u miżuri relatati oħrajn, diversi għodod, strumenti, programmi u strutturi li diġà jeżistu fil-livell tal-UE jistgħu jintużaw, jekk ikun meħtieġ.

Pereżempju, il-proċess tas-Semestru Ewropew jipprovdi l-possibbiltà għal aktar koordinazzjoni tal-politika ekonomika mill-Istati Membri u għalhekk jista' jindirizza għadd ġmielu ta' miżuri proposti taħt is-suġġett "Ekonomija aktar b'saħħitha, ġustizzja soċjali u impjegi". Dwar is-suġġett "Valuri u drittijiet, stat tad-dritt, sigurtà", xi miżuri li għandhom l-għan li jagħmlu l-valuri tal-UE aktar tanġibbli għaċ-ċittadini jistgħu jiġu koperti permezz tat-tisħiħ ta' diversi programmi ta' finanzjament tal-UE. It-tisħiħ tal-isforzi ta' komunikazzjoni u t-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-istrateġiji ta' komunikazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-UE jistgħu jindirizzaw ukoll xi miżuri proposti taħt is-suġġetti "Demokrazija Ewropea" u "Edukazzjoni, kultura, żgħażaġh u sport".

12. It-tielet, ħafna proposti jistgħu jiġu implimentati permezz ta' leġislazzjoni ġdida tal-UE msejsa fuq il-qafas attwali tat-Trattati. Pereżempju, taħt is-suġġett tal-"Valuri u drittijiet", il-leġislatur tal-UE għandu l-possibbiltà li jipproteġi dawn il-valuri u d-drittijiet fil-kuntest tat-twettiq tal-politiki tal-Unjoni bħat-tisħiħ tas-suq intern. Bl-istess mod, l-inizjattivi li jirriżultaw mill-Pakkett dwar l-Ekonomija Ċirkolari II jistgħu jindirizzaw xi miżuri li jaqgħu taħt is-suġġetti ta' "Ekonomija aktar b'saħħitha" u "It-tibdil fil-klima u l-ambjent".

13. Barra minn hekk, filwaqt li ħafna proposti u miżuri relatati jindirizzaw kwistjonijiet speċifiċi, oħrajn huma usa' u xi drabi jkollhom in-natura ta' aspirazzjoni. L-implimentazzjoni tagħhom għaldaqstant tippermetti tipi differenti possibbli ta' inizjattivi, b'firxa wiesgħa ta' għażla.

14. Għandu jiġi mfakkar ukoll li fir-rigward tal-proposti u l-miżuri speċifiċi relatati li jaqgħu f'oqasma koperti minn kompetenzi kondiviżi, l-UE diġà ngħatat il-kompetenza rilevanti fit-Trattati, permezz tal-bażijiet legali rilevanti fl-oqasma kkonċernati, iżda sakemm l-UE tagħżel li teżerċita l-kompetenza tagħha fil-qasam partikolari, f'konformità ma' tali bażijiet legali, l-Istati Membri jżommu l-kompetenza li jaġixxu f'dak il-qasam. Għaldaqstant huwa kompletament f'idejn l-UE li tagħżel jekk, u sa liema punt, teżerċitax tali kompetenzi, billi l-użu ta' tali kompetenza huwa rregolat mill-prinċipji tas- sussidjarjetà u l-proporzjonalità.

Fir-rigward tal-proposti u l-miżuri relatati f'oqasma koperti minn kompetenzi ta' appoġġ tal-UE, il-biċċa l-kbira ta' dawn il-proposti ma jeħtiġux speċifikament armonizzazzjoni tal-UE, u għaldaqstant jistgħu jiġu implimentati skont it-Trattati attwali, b'azzjonijiet tal-UE biex jappoġġaw, jikkoordinaw jew jissupplimentaw l-azzjonijiet tal-Istati Membri, fosthom programmi tal-UE. Dan huwa pereżempju l-każ tal-biċċa l-kbira tal-miżuri proposti fil-qasam tal-edukazzjoni (eż. biex jissaħħu l-edukazzjoni u t-taħriġ f'għadd ta' suġġetti bħal-litteriżmu fil-media u diġitali, biex titrawwem id-diġitalizzazzjoni tal-edukazzjoni, eċċ.).

15. Fl-aħħar nett, xi proposti u miżuri relatati jistgħu jiġu indirizzati permezz tal-flessibiltajiet ipprovdu ti mill-qafas attwali tat-Trattati, bħad-dispożizzjonijiet tat-Trattati li jistabbilixxu "klawżoli passerelle" ġenerali jew speċifiċi li jippermettu lill-Kunsill Ewropew jew lill-Kunsill jaqleb mill-unanimità għall-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata jew għall-proċedura leġislattiva ordinarja, jew klawżoli ta' reviżjoni simplifikati speċifiċi li jippermettu lill-Kunsill Ewropew jew lill-Kunsill jestendi l-kamp ta' applikazzjoni ta' ċerti bażijiet legali jew dispożizzjonijiet tat-Trattati, bħall-kooperazzjoni msaħħa, biex l-Istati Membri li jixtiequ javvanzaw f'qasam partikolari jkunu jistgħu jagħmlu dan.

C. Proposti u miżuri speċifiċi relatati li jistgħu jeħtieġu bidla fit-Trattati sabiex jiġu implimentati b'mod sħiħ

16. Din il-valutazzjoni preliminari turi wkoll li **għadd limitat ħafna biss ta' miżuri speċifiċi jkunu jeħtieġu bidla fit-Trattati sabiex jiġu implimentati b'mod sħiħ**. Dawn il-miżuri huma marbutin ma':

- 1) Li l-UE tkun tista' tagħmel ċerti kwistjonijiet parti obbligatorja mill-kurrikuli tal-edukazzjoni madwar l-UE;⁶
- 2) Li s-saħħa u l-kura tas-saħħa, kif ukoll l-edukazzjoni, isiru kwistjoni ta' kompetenza kondiviża tal-UE;⁷
- 3) L-armonizzazzjoni tal-istandards tal-kura tas-saħħa b'mod obbligatorju fil-livell tal-UE;⁸
- 4) L-impożizzjoni fuq l-Istati Membri ta' obbligu li jistabilixxu b'mod nazzjonali dritt għaż-żwieġ u l-adozzjoni, pereżempju, għal koppji tal-istess sess;⁹
- 5) L-iżgurar b'mod obbligatorju madwar l-UE tal-ħolqien ta' kindergartens bi prezz li jintlaħaq u ta' indukrar tat-tfal mingħajr ħlas;¹⁰
- 6) Li Jum l-Ewropa (9 ta' Mejju) isir btala pubblika obbligatorja addizzjonali madwar l-UE;¹¹
- 7) L-introduzzjoni tal-possibbiltà ta' referenda għall-UE kollha li jiġu skattati mill-Parlament Ewropew;¹²
- 8) Emenda tal-Artikolu 7 TUE;¹³
- 9) Il-bidla mill-unanimità għall-VMK fil-Kunsill Ewropew;¹⁴
- 10) Il-bidla mill-unanimità għall-VMK fil-Kunsill għas-sitwazzjonijiet fejn il-klawżoli "passerelle" ma japplikawx, pereżempju dwar deċiżjonijiet b'implikazzjonijiet militari u dwar kwistjonijiet ta' difiża;¹⁵

⁶ Ara l-miżura 6.6; il-miżura 27.4; il-miżura 32.1; il-miżura 32.2; il-miżura 37.1; il-miżura 46.1; u l-miżura 48.2.

⁷ Ara l-miżura 8.3; il-miżura 10.3; u l-miżura 46.1.

⁸ Ara l-miżura 10.1; il-miżura 14.4; u l-miżura 15.8.

⁹ Ara l-miżura 15.5.

¹⁰ Ara l-miżura 29.5.

¹¹ Ara l-miżura 37.6; u l-miżura 48.3.

¹² Ara l-miżura 38.2.

¹³ Ara l-miżura 25.4.

¹⁴ Ara l-miżura 39.1.

¹⁵ Ara l-miżura 21.1; u l-miżura 39.1.

- 11) It-trasferiment tas-setgħat lir-Rappreżentant Għoli fil-qasam tar-rappreżentanza esterna tal-Unjoni, li bħalissa huma fidejn il-Kummissjoni (l-Artikolu 17(1) TUE) jew il-President tal-Kunsill Ewropew (l-Artikolu 15(6) TUE) jew il-bidla tar-rwol u s-setgħat tar-Rappreżentant Għoli¹⁶;
- 12) Elezzjoni diretta tal-President tal-Kummissjoni miċ-ċittadini¹⁷;
- 13) L-għoti ta' dritt ta' inizjattiva leġislattiva lill-Parlament Ewropew¹⁸;
- 14) L-għoti lill-Parlament Ewropew tal-kompetenza li jadotta waħdu l-baġit tal-UE, u/jew li jiddeċiedi rigward id-deċiżjoni dwar ir-riżorsi proprji¹⁹;
- 15) Il-bidla tal-ismijiet tal-istituzzjonijiet tal-UE²⁰;
- 16) L-għoti ta' dritt ta' inizjattiva leġislattiva fil-livell tal-UE lill-parlamenti nazzjonali²¹;
- 17) L-għoti lill-parlamenti reġjonali ta' dritt ta' inizjattiva leġislattiva fil-livell tal-UE u/jew dritt formali dirett fir-rigward tal-valutazzjoni tas-sussidjarjetà skont il-Protokoll Nru 2²².
- 18) Il-modifika jew it-tkabbir tas-setgħat tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u/jew tal-Kumitat tar-Regġuni²³.

¹⁶ Ara l-miżura 21.3.

¹⁷ Ara l-miżura 38.4.

¹⁸ Ara l-miżura 38.4.

¹⁹ Ara l-miżura 38.4. Għandu jiġi nnutat li tlehhnet opinjoni diverġenti taċ-ċittadini dwar din il-miżura.

²⁰ Ara l-miżura 39.3.

²¹ Ara l-miżura 40.2.

²² Ara l-miżura 40.2.

²³ Ara l-miżura 39.6; u l-miżura 40.3.

Ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet meħuda biex jiġu implimentati l-proposti tar-rapport dwar l-eżitu finali tal-Konferenza

17. **Mill-preżentazzjoni tar-rapport dwar l-eżitu finali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa fid-9 ta' Mejju 2022, il-Kunsill ilu jaħdem b'serjetà kbira lejn l-implimentazzjoni tal-proposti u l-miżuri speċifiċi relatati li jinsabu fih.** Kif iddikjarat fid-Dikjarazzjoni Konġunta li stabbiliet il-Konferenza f'Marzu 2021, il-Presidenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill tal-UE u tal-Kummissjoni Ewropea impenjaw ruħhom li jeżaminaw malajr kif ser jagħtu segwitu b'mod effettiv għal dan ir-rapport, kull wieħed fl-isfera ta' kompetenzi tiegħu u f'konformità mat-Trattati.

18. Bħala parti mill-impenn sod tiegħu li jiżgura l-aħjar segwitu possibbli għall-Konferenza, fl-2022, il-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) reġa' lura għas-suġġett tas-segwitu tal-Konferenza f'kull waħda mil-laqgħat tiegħu fuq bażi ta' kull xahar. Bl-istess mod, fil-laqgħa tat-23 u l-24 ta' Ġunju, il-Kunsill Ewropew afferma li l-istituzzjonijiet iridu jiżguraw segwitu effettiv għar-riżultati tal-Konferenza, kull waħda skont l-isfera ta' kompetenzi tagħha u f'konformità mat-Trattati. Matul il-laqgħa informali tal-Ministri għall-Affarijiet tal-UE f'Lulju 2022, ġiet diskussa wkoll l-implimentazzjoni tal-eżitu tal-Konferenza.

19. Il-ħidma ta' segwitu tal-Kunsill kienet ibbażata b'mod partikolari fuq il-valutazzjoni teknika preliminari tal-proposti tal-Konferenza u l-miżuri speċifiċi relatati mwettqa mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill. Skont din il-valutazzjoni, għadd sinifikanti ta' proposti u miżuri speċifiċi bħalissa jinsabu fil-proċess li jiġu indirizzati jew diġà ġew indirizzati mill-istituzzjonijiet tal-UE. Il-valutazzjoni turi wkoll li fejn il-proposti u l-miżuri speċifiċi jistgħu jiġu indirizzati aktar mill-Istituzzjonijiet tal-UE, dan jista' jsir, fil-maġġoranza assoluta tal-każijiet (kważi 95 %), fil-qafas attwali tat-Trattati (ara l-punt 16 hawn fuq). Wara din il-Valutazzjoni teknika preliminari, kwestjonarju mibdi mill-Presidenza Ċeka ppermetta li jinġabru l-fehmiet tad-delegazzjonijiet dwar xi kwistjonijiet ewlenin relatati mas-segwitu għall-eżitu tal-Konferenza.

20. Fuq dik il-bażi, fil-laqgħa tiegħu tal-21 ta' Ġunju 2022, il-Kunsill qabel li jagħti prijorità lill-implimentazzjoni ta' dik il-maġġoranza assoluta tal-proposti li jistgħu jiġu implimentati fil-qafas attwali tat-Trattati, **bl-għan li jipprovi tweġibiet għat-tħassib taċ-ċittadini f'perjodu ta' żmien relattivament qasir u jkollu impatt pożittiv fuq il-ħajja tagħhom ta' kuljum permezz ta' politika konkreta.**

21. Kif muri mit-tabella aġġornata fl-Addendum għal din in-nota, il-Kunsill kien partikolarment attiv f'oqsma bħal "Ekonomija aktar b'saħħitha, ġustizzja soċjali u impjiegi" (eż. l-adozzjoni ta' Direttiva dwar pagi minimi adegwati fl-UE, f'Ottubru 2022), "It-tibdil fil-klima u l-ambjent" (eż. il-qbil milħuq mal-Parlament Ewropew f'Ottubru dwar standards tal-emissjonijiet tas-CO2 aktar b'saħħithom għall-karozzi u l-vannijiet sabiex tiġi aċċelerata t-tranżizzjoni lejn mobbiltà b'emissjonijiet zero) jew "Saħħa" (eż. l-adozzjoni f'Ottubru ta' żewġ Regolamenti biex tittejjeb il-kapaċità tal-UE li tirispondi għal pandemiji futuri u kriżijiet tas-saħħa transkonfinali oħra), u b'hekk jinkisbu soluzzjonijiet tanġibbli għal xi wħud mill-aktar tħassib prominenti enfasizzat miċ-ċittadini fil-proposti tagħhom. Il-Kunsill stinka wkoll biex jindirizza b'mod rapidu u effettiv proposti li kienu partikolarment rilevanti fil-kuntest tal-kriżi li rriżultat mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, pereżempju fil-qasam tal-enerġija (eż. bl-adozzjoni ta' Regolament dwar miżuri koordinati għat-tnaqqis tad-domanda għall-gass f'Awwissu 2022, u ta' Regolament dwar intervent ta' emerġenza biex jiġu indirizzati l-prezzijiet għoljin tal-enerġija f'Ottubru) jew billi afferma l-kapaċità tal-UE li tadotta miżuri restrittivi fuq skala bla preċedent.

22. Barra minn hekk, billi għadd kbir ta' miżuri li jirriżultaw mill-Konferenza jistgħu jirrikjedu li proposta mill-Kummissjoni Ewropea tkompli tiġi indirizzata mill-istituzzjonijiet tal-UE, il-Kunsill segwa bir-reqqa l-ħidma ta' segwitu tal-Kummissjoni għall-Konferenza wara d-9 ta' Mejju 2022. B'mod partikolari, il-Kunsill laqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tressaq proposti relatati mal-Konferenza, affermat kemm matul id-Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tal-President Von der Leyen tal-14 ta' Settembru kif ukoll fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2023 (li fih diversi inizjattivi li jsegwu l-Konferenza, bħall-inizjattiva mħabbra dwar is-saħħa mentali). Il-Kunsill segwa wkoll b'attenzjoni l-pjanijiet tal-Kummissjoni li twessa' l-involviment taċ-ċittadini fit-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE.

23. Barra minn hekk, bħala parti mill-impenn tiegħu li jiżgura l-aħjar segwitu possibbli għall-Konferenza, **il-Kunsill identifika u beda jeżamina daww il-proposti tal-Konferenza u l-miżuri speċifiċi relatati fejn jista' jaġixxi waħdu, eż. mingħajr proposta jew rakkomandazzjoni minn istituzzjoni jew korp ieħor tal-Unjoni** (b'mod partikolari l-Kummissjoni jew ir-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà)²⁴. Dawn huma relatati l-aktar mal-koordinazzjoni tal-politika tal-Istati Membri fil-livell tal-UE dwar firxa ta' suġġetti, politika barranija jew komunikazzjoni.

²⁴ Għaldaqstant, azzjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, fejn il-Kunsill jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, ma kinitx inkluża f'dak id-dokument. Ara d-dokument 12279/22.

24. Bħala segwitu għal diversi proposti tal-Konferenza, il-Kunsill beda wkoll diskussjonijiet dwar l-użu possibbli ta' klawżoli "passerelle" li jippermettu, fil-qafas tat-Trattati li ssir bidla f'għadd ta' oqsma fil-Kunsill minn votazzjoni b'unanimità għal votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata. Il-ħidma f'dan ir-rigward għadha għaddejja.

25. Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-**għadd limitat ħafna ta' miżuri speċifiċi tal-Konferenza li jkunu jeħtieġu bidla fit-Trattat sabiex jiġu implimentati bis-sħiħ**, il-Kunsill ħa nota tar-risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Ġunju 2022 li tinkariga lill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali tal-Parlament iħejji proposti għall-emendar tat-Trattati fir-rigward tal-proposti tal-Konferenza li jirrikjedu dan, u ppreżenta lill-Kunsill żewġ proposti speċifiċi għall-emendar tat-Trattati skont l-Artikolu 48(2) TUE.

26. **Il-ħidma kollha mwettqa mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni dwar is-segwitu għall-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa mid-9 ta' Mejju 2022 ser tiġi ppreżentata liċ-ċittadini Ewropej fit-2 ta' Diċembru 2022 fl-okkażjoni ta' avveniment ta' feedback iddedikat.**

27. Dan l-avveniment ta' feedback, organizzat b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-UE u l-Kummissjoni Ewropea ser jippermetti lit-tliet istituzzjonijiet jinfurmaw liċ-ċittadini, f'konformità mad-Dikjarazzjoni Konġunta ffirmata f'Marzu 2021, dwar l-azzjonijiet li hađu biex isegwu b'mod effettiv l-eżitu tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, kull wieħed fl-isfera ta' kompetenzi tiegħu u f'konformità mat-Trattati.